

31991R1274

L 121/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.5.1991

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1274/91  
tal-15 ta' Mejju 1991**

**li jintroduċi regoli ddettaljati sabiex jimplimentaw ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 dwar standards tal-marketing fis-suq tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju tal-1990 dwar ċerti standards tal-marketing fis-suq tal-bajd <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3), 10(3), 11(2), 20(1) u 22(2) tiegħu;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1907/90 fih reviżjoni bir-reqqa ta' dawn l-istandards tal-marketing kif kienu implimentati skond ir-Regolamenti ta' qabel; billi saret dispożizzjonijiet fih illi r-regoli ddettaljati meħtieġa sabiex jiġu implimentati dawn l-istandards iridu jiġu adottati skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1235/89 <sup>(3)</sup>; billi dawn ir-regoli jridu jiġu speċifikati b'mod partikolari dwar il-kondizzjonijiet sabiex jiġu rreġistrati l-kollekturi u ċ-ċentri ta' l-imballaġġ, l-identifikazzjoni, il-frekwenza tal-ġbir u l-kunsinna u t-tqandil tal-bajd, il-kriterji tal-kwalità u l-gradazzjoni skond il-piż, id-dettalji ta' l-indikazzjonijiet fuq il-bajd u fuq il-pakketti tagħhom, l-espressjonijiet li jridu jintużaw sabiex jindikaw it-tip tal-biedja, u l-kriterji dwar l-oriġini tal-bajd, u l-eżenzjoni fil-każ ta' kwantitajiet żgħar mill-obbligu illi l-bajd jiġi ppakkjat f'pakketti kbar;

Billi kemm l-iżviluppi teknoloġiċi u kemm id-domanda tal-konsumatur issa jagħmluha approprjat illi jiġu pprovduti l-kunsinna, il-ġbir, il-gradazzjoni u l-imballaġġ tal-bajd iktar malajr; billi madankollu ċerti produttori huma f'pożizzjoni li jipprovdu l-garanziji li jżommu t-temperatura li fiha l-bajd jinżamm f'livell hekk illi tkun possibbli l-eżenzjoni permanenti mill-ħtieġa ġenerali tal-ġbir jew tal-kunsinna ta' kuljum fil-każ tal-bajd maħsub biex jiġi ttikkettjat bħala bajd "extra" kif ipprovdut fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90; billi, madankollu, huwa pproprjat illi, għal perjodu transitorju taż-żmien, tiġi pprovdata eżenzjoni ġenerali għall-benefiċċju ta' l-operaturi kollha;

Billi s-swieq, li l-aċċess għalihom huwa ristrett għall-impriżi awtorizzati ta' l-imballaġġ u l-proċessar, jipprovdu garanziji għat-tqandil korrett hekk illi jistgħu jitħallew jikkunsinnaw il-bajd fit-tieni jum tax-xogħol wara dik li fih jirċevuh;

Billi l-akkumulazzjoni intenzjonata tal-limiti varji taż-żmien, b'detriment għall-freskezza tal-bajd, għandha tiġi pprevenuta fil-każ meta ċentru ta' l-imballaġġ jikkunsinna bajd mhux iġgradat lil ċentru ieħor ta' l-imballaġġ;

Billi dawk l-impriżi biss li l-fond u t-tagħmir tekniku tagħhom huma addattati għall-iskala tal-ħidmiet tagħhom, u li għalhekk jippermittu t-tqandil xieraq, għandhom jiġu awtorizzati li jiġbru, jew li jiggradaw il-bajd skond il-kwalità u l-piż;

Billi, sabiex jiġi evitat it-taħwid u sabiex titthaffef l-identifikazzjoni tal-kunsinni tal-bajd bil-għan li jiġi inforzat dan ir-Regolament, kull wieħed miċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandu jingħata numru tar-reġistrazzjoni ta' distinzjoni imsejjes fuq sistema uniformi tal-kodifika;

Billi, sabiex jiġi żgurat illi l-konsumatur ikun fornit bi prodott ta' kwalità tajba, għandhom jiġu ffixxati kriterji ta' standard għoli għal kull gradazzjoni tal-kwalità;

Billi l-karatteristiċi tal-kwalità għall-bajd frisk, magħrufa wkoll bħala bajd tal-Grad "A", għandhom jiġu ddefiniti hekk li jiġu ristretti għall-bajd ta' l-ogħla kwalità; billi ċertu bajd jista' jiġi kkunsidrat li jkun "extra frisk" safejn u sakemm l-arranġamenti speċjalment strinġenti japplikaw għall-ġbir tiegħu u għal iktar tqassim;

Billi l-bajd tal-kwalità ordinarja, illi l-karatteristiċi tiegħu ma jippermittux l-inklużjoni li jiġi mdaħħal fil-grad ta' "bajd frisk", għandu jiġi deskritt bħala "bajd ta' kwalità sekondarja" u ggradat bħala ta' hekk; billi l-bajd li jkun għadda minn proċess ta' tindif, għads, refigerazzjoni jew priservazzjoni għandu, bħala regola ġenerali, jitqiegħed f'dan il-grad;

Billi għandu jiġi stabbilit grad tal-kwalità tat-tielet grad għall-bajd li ma jissodisfax il-ħtiġiet ta' l-ogħla gradi madankollu jkun għadu addattat għall-konsum mill-bniedem;

Billi fil-prattika dan il-bajd huwa fil-biċċa l-kbira maħsub sabiex jiġi kkunsinnat direttament lill-industrija ta' l-ikel, inklużi l-impriżi ta' l-industrija ta' l-ikel approvati skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KEE ta' l-20 ta' Ġunju 1989 dwar il-problemi ta' l-iġjene u tas-saħħa li jolqtu l-produzzjoni u tqegħid fis-suq tal-prodotti mill-bajd <sup>(4)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 89/662/KEE <sup>(5)</sup>, u bil-kondizzjoni illi l-pakkettilli jkunu jinsabu fihom jiġu ttikkettjati

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.

<sup>(2)</sup> ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.

<sup>(3)</sup> ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU L 212, tat-22.7.1989, p. 87.

<sup>(5)</sup> ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.

b'din id-denominazzjoni, ma jeħtiġux f'dan il-każ li jgħorru marka ta' distinzjoni li kieku tidentifikahom xort oħra bħala bajd tal-Grad "C";

Billi bl-istess kondizzjonijiet din ir-rinunzja tista' tiġi estiża wkoll għall-bajd tal-Grad "B"; billi dan it-tikkettjar għandu ukoll ma jippermetti l-ebda taħwid, sewwa aċċidentali u sewwa bil-ħsieb, ma' dak ipprovdut fil-każ tal-bajd mhux tajjeb għal konsum mill-bniedem li jista' jiġi kkunsinnat biss lill-industrija mhux ta' l-ikel;

Billi, għal darbha l-bajd iggradat x'aktarx li jnaqqas fil-valur waqt it-trasport, għandhom jiġu inforzati standards għolja rigward il-imballaġġ, il-ħażna u t-trasport; billi dawn ir-riskji, inkluż dak tal-kontaminazzjoni mikrobioloġika, jistgħu jitnaqqsu b'mod sostanzjali billi jiġu imposti restrizzjonijiet severi fuq l-użu tal-materjal ta' l-imballaġġ; billi jeħtieġu jiġu stabbiliti kondizzjonijiet iddettaljati sabiex jagħtu effett lil ċerti eżenzjonijiet ipprovduti fil-każ ta' kun-sinni diretti lokali għall-bejgħ bl-imnut tal-bajd mingħajr imballaġġ speċjali, magħruf xorta oħra bħala bejgħ bil-waħda;

Billi, b'żieda mad-data mandatorja ta' l-imballaġġ għall-użu fuq il-pakketti tal-bajd u d-data tal-gradazzjoni fil-każ tal-bejgħ bil-waħda, jista' jiġi pprovdut taġhrif rilevanti u addizzjonali lill-konsumatur bl-indikazzjoni bil-għażla fuq il-bajd jew fuq il-pakketti li jkun fihom minnu dwar id-data rakkommandata ta' sakemm irid jinbigħ u/jew l-aħjar d-data għall-użu u/jew id-data ta' meta jitbied; billi jidher approprjat illi jiġu relatati d-data rakkommandata ta' sakemm irid jinbigħ u l-aħjar data għall-użu mal-kriterji tal-kwalità tal-bajd; billi bla ħsara għal ċerti salvagwardji huwa approprjat li jiġi pprovdut illi d-data ta' meta jkun tbied tista' tiġi stampata wkoll fuq il-bajd fir-razzett;

Billi, sabiex jiġi kkumbattut ir-riskju ta' frodi, jeħtieġ li jiddaħħlu mhux biss il-ġbir ta' kuljum u l-gradazzjoni u l-għoti tal-marki immedjament, iżda wkoll b'mod speċjali reġistrazzjoni rigoruża, iż-żamma tar-reġistri u l-proċeduri tal-monitorjar fil-każ tal-bajd li fuqu jikun maħsub li tiġi stampata d-data ta' meta tbied;

Billi, fil-każ tal-bajd li fuqu id-data ta' meta tbied tkun ġiet stampata fir-razzett, tista' tiġi llaxkata r-regola li tipprovduti għall-ġbir ta' kuljum sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni kontra l-istabbilimenti produtturi l-oħra għajr dawki li jfornu liċ-ċentri ta' l-imballaġġ li jkunu jinsabu fuq l-istess sit;

Billi, bil-ħsieb tal-prattika korrenti kummerċjali, jidher li mhux meħtieġ illi jiġu pprovduti l-indikazzjonijiet speċifiċi għall-bajd tat-tiġieġ tal-bajd miżmuna f'battery ta' gaġeġ; billi, madankollu, għandha ssir dispożizzjoni għal numru limitat ta' indikazzjonijiet għall-bajd tat-tiġieġ mhux imrobbaġja f'battery ta' gaġeġ, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni fost il-konsumaturi rigward is-sistemi prinċipali tal-produzzjoni mhux minn battery ta' gaġeġ;

Billi, sabiex il-konsumatur jiġi ssalvagwardat minn dikjarazzjonijiet qarrieqa li jistgħu b'mod ieħor isiru bi ħsieb frodulenti sabiex jinkisbu prezzijiet ogħla minn dawki li jipprevalu għall-bajd tat-tiġieġ imrobbaġja f'battery ta' gaġeġ, huwa meħtieġ, fil-każ ta' l-użu bil-għażla ta' l-indikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tipi partikolari ta' trobbija mhux f'battery ta' gaġeġ, li jiġu stabbiliti l-kriterji minimi tat-trobbija li jridu jiġu rrispettati, kif ukoll ir-reġistrazzjoni speċjalment rigoruża, iż-żamma tar-reġistri, u l-proċeduri tal-monitorjar;

Billi, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, u b'mod partikolari dawki li jirrigwardaw is-sorveljanza, inklużi l-arranġamenti speċjali li jridu jiġu implimentati sabiex jiġi mmontorjat l-użu tad-data ta' meta tbiedu, u ta' l-indikazzjonijiet tat-tipi partikolari tat-trobbija mhux f'battery ta' gaġeġ, u ta' dawki li jirrigwardaw l-oriġini tal-bajd, għandha ssir dispożizzjoni sabiex ikun hemm skambju ma jaqta' xejn tat-taġhrif bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

Billi l-istrixxi u t-tikketti għandhom jippermettu l-identifikazzjoni faċli tal-pakketti u tal-kontenut tagħhom;

Billi għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pakketti kbar u żgħar li jkun fihom il-bajd industrijali, min-naħa l-waħda, u l-bajd "extra" min-naħa l-oħra;

Billi ċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom ikunu f'pożizzjoni illi jippakkjaw il-bajd mill-ġdid, meta dan ikun meħtieġ, b'mod partikolari, meta l-imballaġġ issir l-ħsara, meta kummerċjant jixtieq ibigħ bajd f'ismu stess jew meta l-bajd f'pakketti kbar jeħtieġ li jiġi ppakkjat mill-ġdid f'pakketti żgħar; billi huwa wkoll meħtieġ f'dawn il-każijiet illi jingħataw l-oriġini u ż-żmien tal-bajd fl-avviżi mwaħħla ma' l-istrixxi, it-tikketti u l-pakketti; billi dawn l-avviżi għandhom juru illi l-bajd ikun ġie ggradat jew ippakkjat mill-ġdid;

Billi, fl-interess tat-taġhrif korrett u mhux ekwivoku lix-xerrejja bl-ingrossa u bl-imnut u lill-aħħar konsumatur, huwa meħtieġ illi jsiru arranġamenti speċjali dwar it-tikkettjar tal-bajd li jkun reġa' ġie ppakkjat, u b'mod partikolari fil-każijiet fejn il-pakketti jiġu wżati mill-ġdid, kif ukoll meta l-bajd jiġi ggradat mill-ġdid fi grad iktar baxx tal-kwalità;

Billi d-dewmien żejjed ikkawżat mill-imballaġġ mill-ġdid jagħmilha essenzjali illi jiġi pprobit l-użu ta' l-indikazzjoni "extra" fil-każ tal-bajd li jerġa' jiġi ppakkjat;

Billi s-sorveljanza effettiva tat-tħaris ta' l-istandards tal-marketing teħtieġ l-eżami ta' numru biżżejjed ta' bajd magħżul biex b'hekk jiffirma kampjun rappreżentattiv tal-grupp iċċekkjat; billi fit-tiem tal-proċess taċ-ċekkjat il-lott iċċekkjat għandu jiġi mmarkat bid-deċiżjoni ta' min ikun iċċekkjat;

Billi, wara d-dispożizzjoni u d-definizzjoni ta' bejgħ bil-waħda imdaħħla fil-liġi bir-Regolament (KEE) Nru 1907/90, il-parametri tat-tehd tal-kampjuni għandhom jiġu estiżi wkoll għal dan il-bejgħ;

Billi, għadarba l-metodi użati għall-gradazzjoni tal-bajd skond il-kwalità u l-piż mhumiex eżatti għal kollox, il-proċess għandu jammetti ċerti toleranzi; billi, barra minn hekk, għadarba l-kondizzjonijiet tal-ħażna u t-trasport jistgħu jaffettwaw il-kwalità u l-piż tal-lott, huwa tal-parir li jiġu ddifferenzjati t-tolleranzi skond l-istadju tal-*marketing*;

Billi, sabiex jiġu ffaċilitati l-*marketing* u ċ-ċekkjar tal-bajd iggradat skond il-kwalità u l-piż meta jkunu f'pakketti kbar, għandha ssir dispożizzjoni għall-piż medju minimu nett għal kull grad ta' piż;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1907/90 jiddelega lill-Kummissjoni l-promulga ta' numru ta' dispożizzjonijiet li qabel kienu jinsabu fir-Regolament (KEE) Nru 2772/75, sabiex jiffaċilita l-emendi ġej-jjena; billi dan għamel meħtieġ numru kbir ta' emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 95/69 <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3906/86 <sup>(2)</sup>, li minħabba ċ-ċarezza għandu jiġi abbozzat mill-ġdid;

Billi, għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 95/69 kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1295/70 <sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 36/85 <sup>(4)</sup>, għandhom jiġu mħassra;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Laħam tat-Tiġieġ u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### L-Artikolu 1

1. Il-bajd għandu jiġi kkunsinnat mill-produtturi lill-istabbilimenti riferiti fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 jew miġbura mill-produtturi minn dawn l-istabbilimenti mill-inqas kull tiolet jum tax-xogħol.

Madankollu, il-kunsinni jew il-ġbir mill-produtturi għaċ-ċentri ta' l-imballaġġ jistgħu jsiru biss darba fil-ġimgħa f'dawk il-każijiet meta temperaturi ta' l-ambjent fejn jinżamm il-bajd fir-razzett ma jaqbżux it-18 °C.

<sup>(1)</sup> ĠU L 13, tat-18.1.1969, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 364, tat-23.12.1986, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 145, tat-3.7.1970, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 5, tat-8.1.1985, p. 5.

2. Il-bajd maħsub għal-*marketing* bħala "extra", kif ipprovdut fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, għandu jiġi kkunsinnat liċ-ċentri ta' l-imballaġġ jew miġbur minnhom biss kull jum tax-xogħol minn kull produttur. Madankollu din il-kunsinna jew dan il-ġbir jistgħu jsiru biss kull tieni jum tax-xogħol f'dawk il-każijiet meta temperaturi ta' l-ambjent fejn jinżamm il-bajd fir-razzett ma jaqbżux it-18 °C.

Matul perjodu transitorju taż-żmien sal-31 ta' Diċembru 1992, il-kunsinna u l-ġbir ta' dan il-bajd jista' ġeneralment isir kull tieni jum tax-xogħol.

3. Il-bajd li fuqu jkun maħsub li tiġi indikata d-data ta' meta tbied skond l-Artikolu 17 għandu jiġi kkunsinnat biss minn kull wieħed mill-produtturi liċ-ċentri ta' l-imballaġġ, jew miġbur minn kull wieħed mill-produtturi miċ-ċentri ta' l-imballaġġ fil-jum ta' meta jkun tbied.

Il-bajd li fuqhom tiġi stampata d-data ta' meta jkun tbied fir-razzett għandu jiġi kkunsinnat jew miġbur mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol ta' wara l-jum li fih ikun tbied.

4. Il-kollekturi kollha għandhom jikkunsinnaw il-bajd liċ-ċentri ta' l-imballaġġ mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol wara dak ta' meta jirċevuh.

Madankollu, l-operaturi fis-swieq fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 jistgħu jikkunsinnaw il-bajd mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara dak ta' meta jkunu rċevuh fis-suq.

5. Kull kunsinna għandha tiġi idenfikata mill-isem u l-indirizz tal-produttur jew tal-kollektur u mid-data tad-dispaċċ.

6. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom jiggradaw u jippakkjaw il-bajd mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara dak li fih il-bajd ikun ġie rċevut fiċ-ċentru ta' l-imballaġġ, għajr fil-każijiet meta:

— il-bajd irċevut mill-produtturi jiġi kkunsinnat lil ċentri oħra ta' l-imballaġġ mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol wara dak li jkun wasal fih,

— ikun maħsub illi tiġi indikata d-data ta' meta jkun tbied li f'dan il-każ għandu jiġi ggradat u ppakkjat fil-jum meta jkun tbied.

7. L-indikazzjonijiet ipprovduti fl-Artikoli 7 u 10(1) u (2)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandhom jiġu appożati mhux aktar tard mill-jum tal-gradazzjonii u l-imballaġġ.

#### L-Artikolu 2

Il-bajd għandu jinżamm, matul il-ħażna fuq il-fond tal-produttur u matul it-trasport mill-produttur għall-kollektur jew iċ-ċentru ta' l-imballaġġ fl-aħħar temperatura addattata għalbiex tiġi żgurata l-konservazzjoni ottimali tal-kwalità tiegħu.

## L-Artikolu 3

1. L-impriżi u l-produtturi biss li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4 għandhom jiġu approvati bħala kolletturi jew bħala ċentri ta' l-imballaġġ fit-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90.

2. Il-fond tal-kolletturi u ċ-ċentri ta' l-imballaġġ iridu jkunu:

(a) ta' firxa biżżejjed fejn għandu x'jaqsam il-volum ta' xogħol magħmul;

(b) mibni u mġhammar kif ġej:

— li jkun jista' jipprovdi ventilazzjoni u dwal addattati,

— li jkun jista' jtnaddaf u jiġi ddiżinfettat kif xieraq,

— li l-bajd jiġi protett minn varjazzjonijiet wiesgħa tat-temperatura fuq barra;

(ċ) riservat għat-tqandil u l-ħażna tal-bajd; madankollu, parti mill-fond tista' tintuża għall-ħażna ta' prodotti oħra bil-kondizzjoni li dawn ta' l-aħħar ma jagħtux irwejjaħ estranji lill-bajd.

3. It-tagħmir tekniku taċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom jiżguraw it-tqandil kif xieraq tal-bajd u għandu jinkludi b'mod partikolari:

(a) tagħmir xieraq ta' l-eżami bid-dawl tax-xemgħa mħaddem bl-idejn matul ix-xogħol kollu u li jippermetti li tiġi eżaminata separatament il-kwalità ta' kull bajda. Meta jsir użu ta' magna awtomatika għall-eżami fid-dawl tax-xemgħa, ta' l-għażla u tal-gradazzjoni, it-tagħmir għandu jinkludi lampa indipendenti għall-eżami fid-dawl tax-xemgħa;

(b) mezzi sabiex ikejlu l-ġholi ta' l-ispazju ta' l-arja;

(ċ) magna sabiex tiggrada l-bajd skond il-piż;

(d) miżien jew iktar li jistgħu jiġu aġġustati sabiex jiżnu l-bajd;

(e) tagħmir għall-istampar tal-bajd, meta jsir użu mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90.

4. Il-fond u t-tagħmir tekniku jridu jinżammu nodfa u ftiswija tajba u ħielsa mill-irwejjaħ estranji.

## L-Artikolu 4

1. Kull talba għall-approvazzjoni ta' kollettur jew ta' ċentru ta' l-imballaġġ għandha tiġi ssottomessa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu lokati l-fond tal-kollettur jew ċentru.

2. Din l-awtorità għandha tagħti liċ-ċentru ta' l-imballaġġ approvat minnha numru ta' distinzjoni, li l-ewwel ċifra tiegħu għandha tkun kif ġej:

Il-Belġju	1
Il-Ġermanja	2
Franza	3
L-Italja	4
Il-Lussemburgu	5
L-Olanda	6
Id-Danimarka	7
L-Irlanda	8
Ir-Renju Unit	9
Il-Greċja	10
Spanja	11
Il-Portugall	12.

3. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ li kienu bla ħsara għal reġistrazzjoni speċjali biss jistgħu jiġu awtorizzati jippakkjaw bajd tal-Grad "A" immarkati "extra" jew jindikaw id-data ta' meta tbiad skond l-Artikolu 17 jew l-espressjonijiet approvduti fl-Artikolu 18.

4. Kull wieħed mill-Istat Membri għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Ġunju 1991 lista taċ-ċentri approvati fit-territorju tiegħu, li turi l-isem u l-indirizz u n-numru assenjat lil kull ċentru. Kull bidla f'din il-lista għandha tiġi kkomunikata fil-bidu ta' kull kwart tas-sena kalendarja lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

## L-Artikolu 5

1. Il-bajd tal-Grad "A" għandu jkollu l-karettistiċi minimi li ġejjin:

Il-Qoxra u r-rita: normali, nodfa, mhux bil-ħsara;

L-Ispazju ta' l-arja: ġholi ta' mhux iżjed minn 6 mm, stazzjonarju; madankollu, għall-bajd li jrid jiġi mmarkat bħala "extra", dan ma għandux jaqbeż l-4 mm fil-waqt ta' l-imballaġġ, jew fil-waqt li fih għaddi mid-dwana, fil-każ ta' l-importazzjonijiet;

L-Abjad: ċar, limpidu, ta' konsistenza ġelatinuża, bla materji estranji ta' kull xorta;

L-Isfar: jidher bħala dell biss meta jsirli l-eżami fid-dawl tax-xemgħa, mingħajr kontorn li jintlema b'mod ċar, ma jimxix b'mod apprezzabbli miċ-ċentru tal-bajda meta tiġi mdawra, ħieles minn materji estranji ta' kull xorta;

Iċ-Ċellola bijoloġika: żvilupp imperċettibbli;

Ir-Riħa: mingħajr riħa estranja;

2. Il-bajd tal-Grad "A" ma għandu jiġi maħsul jew innaddaf bl-ebda mezz ieħor qabel jew wara l-gradazzjoni,

3. Il-bajd tal-Grad "A" m'għandux jiġu trattat għall-priservazzjoni jew imkessaħ f'refriġeratur fuq il-fond jew fl-impjanti fejn it-temperatura tinżamm b'mod artifiċjali għal mill-inqas + 5 °C. Madankollu, il-bajd li jkun inżamm f'temperatura taħt il-+5 °C waqt it-trasport għal mhux iżjed minn 24 siegħa jew fuq il-fond tal-bejgħ bl-imnut jew fl-annessi tiegħu, m'għandux jiġu kkunsidrat bħala mkessaħ fir-refriġeratur safejn u sakemm il-kwantità mażżuna f'dawn l-annessi ma taqbiżx il-ħtiġiet għal tlett ijiem tal-bejgħ bl-imnut fuq il-fond fil-kwistjoni.

#### L-Artikolu 6

1. Il-bajd tal-Grad "B" għandu jkollu l-karatteristiċi minimi li ġejjin:

Il-Qoxra:	normali u bla ħsara;
L-Ispazju ta' l-arja:	ta' għoli mhux iżjed minn 9 mm;
L-Abjad:	ċar, limpidu, bla materji estranji ta' kull xorta;
L-Isfar:	— jidher bħala dell biss fl-eżami fid-dawl tax-xemgħa; din il-karatteristika mhix meħtieġa għall-bajd ippriservat fil-gir, — bla materji estranji ta' kull xorta;
Iċ-Ċellola bijoloġika:	żvilupp imperċettibbli;
Ir-Riħa:	mingħajr riħa estranja.

2. Il-bajd tal-Grad "B" għandu jinkludi tliet tipi ta' bajd:

(a) il-bajd la mkessaħ fir-refriġeratur u lanqas ippriservat:

Il-bajd tal-Grad "B" li ma jkun għadda minn l-ebda trattament priservattiv u li ma jkunx ġie mkessaħ fir-refriġeratur fuq il-fond jew l-impjanti fejn it-temperatura tinżamm b'mod artifiċjali għal inqas minn + 5 °C.

Madankollu, il-bajd li jkun inżamm f'temperatura ta' inqas minn + 5 °C matul it-trasport għal mhux iżjed minn 24 siegħa jew fuq il-fond tal-bejgħ bl-imnut jew fl-annessi tiegħu, m'għandux jiġi kkunsidrat bħala mkessaħ fir-refriġeratur safejn u sakemm il-kwantità mażżuna f'dawn l-annessi ma taqbiżx il-ħtiġiet għal tlett ijiem tal-bejgħ bl-imnut fuq il-fond fil-kwistjoni;

(b) il-bajd imkessaħ fir-refriġeratur:

Il-bajd tal-Grad "B" li jkun ġie mkessaħ fir-refriġeratur fuq fond miżmum b'mod artifiċjali f'temperatura ta' inqas minn + 5 °C;

(ċ) il-bajd ippriservat:

Il-bajd tal-Grad "B" li jkun ġie ppriservat, sewwa jekk imkessaħ fir-refriġeratur u sewwa jekk le, f'taħlita ta' gass li l-kompożizzjoni tiegħu tkun diversa minn dik ta' l-arja atmosferika, u dak li jkun għadda minn kull trattament ieħor priservattiv.

#### L-Artikolu 7

Il-bajd tal-Grad "C" għandu jkun bajd li ma jissodisfax il-ħtiġiet li japplikaw għall-bajd fil-Gradi "A" u "B" Jista' biss jiġi mgħoddi lill-impriżi ta' l-industrija ta' l-ikel approvati skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/437/KEE jew lill-impriżi ta' l-industriji mhux ta' l-ikel.

#### L-Artikolu 8

Il-bajd tal-Grad "A" għandu jiġi ggradat skond il-piż kif ġej:

- il-Grad 0: 75 g u fuqhom,
- il-Grad 1: minn 70 g sa 75 g,
- il-Grad 2: minn 65 g sa 70 g,
- il-Grad 3: minn 60 g sa 65 g,
- il-Grad 4: minn 55 g sa 60 g,
- il-Grad 5: minn 50 g sa 55 g,
- il-Grad 6: minn 45 g sa 50 g,
- il-Grad 7: taħt il-45 g.

#### L-Artikolu 9

Fil-każ ta' l-istampar tal-bajd tal-Grad "A" skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, japplika dan li ġej:

- il-marka ta' distinzjoni Grad "A" għandha tkun ċirku ta' mill-inqas 12-il mm fid-dijametru,
- il-marka ta' distinzjoni għall-gradazzjoni skond il-piż għandha tkun ċifra ta' bejn iż-2 mm u t-3 mm għoli, imqiegħda ġewwa ċ-ċirku imsemmi hawn fuq,
- in-numru taċ-ċentru ta' l-imballaġġ għandu jkun ta' tliet ċifri jew iktar għall-inqas 5 mm għolja,
- l-indikazzjoni tad-dati tikkonsisti f'titri u ċifri għall-inqas 5 mm għolja li juru l-espressjonijiet elenkati fl-Anness I, u warajhom jiġu l-jum u x-xahar kif iddefinit fl-Artikolu 14.

#### L-Artikolu 10

1. Il-marka ta' distinzjoni li turi l-gradazzjoni skond il-kwalita għall-bajd tal-Grad "B" għandha tkun kif ġej:

- (a) għall-"bajd la mkessaħ fir-refriġeratur u lanqas ippriservat", ċirku ta' mill-inqas 12-il mm fid-dijametru li fih għandha tidher l-ittra B b'tipa Rumana ta' mill-inqas 5 mm għoli;
- (b) għall-"bajd imkessaħ fir-refriġeratur", triangolu ekwilaterali b'kull naħa twila mill-inqas 10 mm;
- (ċ) għall-"bajd ippriservat", rombu bid-dijagonali ta' 16 mm u 7 mm.

Kull min ikessaħ fir-refriġeratur jew jippriserva xorta oħra l-bajd għandu jimmarkah kif indikat fil-(b) jew fiċ-(ċ) qabel ma jagħmel dan.

Madankollu, għall-bajd ippriservat fil-gir dawn il-marki jistgħu jiġu applikati wara li jkun twettaq il-proċess tal-priservazzjoni.

2. Il-marka ta' distinzjoni għall-gradazzjoni skond il-kwalità tal-bajd tal-Grad "C" għandha tkun ċirku ta' mill-inqas 12 mm fid-dijametru li fih għandha tidher l-ittra C b'tipa Rumana ta' mill-inqas 5 mm għoli.

3. Minkejja dan ta' hawn fuq, ma hemmx hteġa illi l-bajd tal-Grad "B" u tal-Grad "C" jiġu mmarkati fil-każ ta' kunsinni diretti lill-industrija ta' l-ikel, sakemm il-pakketti li jkunu jinsabu fihom ikunu mmarkati b'mod ċar għalbiex juru din id-destinazzjoni.

#### L-Artikolu 11

1. Il-marki ta' distinzjoni applikati skond l-Artikoli 9 u 10 u l-indikazzjonijiet fuq il-bajd ipprovduti fl-Artikoli 16, 17, 18 u 19 għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod ċar.

2. Il-bajd għandu jiġi mmarkat b'kulur li ma jitħassarx u li jirreżisti t-togħlija. Il-prodott użat għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward il-materjali tal-kulur li jistgħu jiġu użati fil-prodotti ta' l-ikel maħsub għal konsum mill-bniedem.

#### L-Artikolu 12

1. Il-pakketti, inkluż il-materjal ta' l-imballaġġ ta' ġewwa, għandhom ikunu reżistenti għall-ħbit, xotti, nodfa u ftiswiġa tajba u maġħmula minn materjali li jipproteġu l-bajd mill-irwejjaħ estranji u mir-riskju tad-deterjorazzjoni tal-kwalità.

2. Il-pakketti l-kbar, użati għat-trasport u d-dispaċċ tal-bajd, inkluż il-materjal ta' l-imballaġġ ta' ġewwa, m'għandhomx jergħu jiġu użati għajr jekk ikunu għadhom qishom ġodda u jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi tal-paragrafu 1. Il-pakketti l-kbar li jiġu użati mill-ġdid, ma għandhom iġorru l-ebda marka minn qabel li x' aktarx tista' twassal għat-taħwid.

3. Il-pakketti ż-żgħar ma jistgħux jergħu jintużaw.

4. Id-deroga riferita fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 tapplika fil-każ ta' kunsinna fraġġ ta' 20 km miċ-ċentru ta' l-imballaġġ u għall-kwantitajiet ta' kuljum ta' inqas minn 3 600 bajda f'kull kunsinna u ta' inqas minn 360 bajda għal kull xerrej. L-isem, l-indirizz u n-numru taċ-ċentru ta' l-imballaġġ kif ukoll in-numru tal-bajd, u l-grad tal-kwalità u tal-piż u d-data tal-gradazzjoni għandhom jiġu indikati fuq id-dokumenti li jakkumpanjawh.

#### L-Artikolu 13

1. Il-bajd għandu jinħażen f'fond nadif, xott u ħieles mir-riħa estranja.

2. Il-bajd fit-trasport u matul il-ħażna għandu jinżamm nadif, xott u mingħajr riħa estranja u effettivament protett mill-ħbit, mit-temp u mill-effett tad-dawl.

3. Il-bajd fil-ħażna u fit-trasport irid jiġi protett mit-temperaturi estremi.

#### L-Artikolu 14

L-indikazzjoni tad-data ta' l-imballaġġ riferita fl-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandha tikkomprendi waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

- EMBALADO EL:...,
- PAKKET DEN:...,
- VERPACKT AM:...,
- ΗΜΕΠΟΜΗΝΙΑ ΣΥΣΚΕΥΑΣΙΑΣ:...,
- PACKING DATE:...,
- EMBALLÉ LE:...,
- DATE D'IMBALLAGGIO:...,
- VERPAKT OP:...,
- EMBALADO EM:...

Għal dan l-iskop id-data għandha tiġi indikata b'żewġ settijiet ta' ċifri li jirrappreżentaw, fl-ordni li ġejja:

- il-jum, mill-01 sal-31,
- ix-xahar, mill-01 sat-12.

#### L-Artikolu 15

B'żieda mad-data ta' l-imballaġġ, bħala data, id-data rakkommandata ta' sakemm irid jinbigħ u/jew l-aħjar data għall-użu u/jew ta' meta jkun tbied jistgħu jiġu indikati minn min iħaddem fil-waqt ta' l-imballaġġ. Id-data ta' meta tbied tista', madankollu, tiġi wkoll stampata fuq il-bajd fir-razzett.

#### L-Artikolu 16

Id-data rakkommandata ta' sakemm irid jinbigħ hija indikazzjoni ta' l-aħjar data li fiha jrid jiġi offrut għall-bejgħ lill-konsumatur, li warajha jibqa' perjodu raġjonevoli taż-żmien tal-ħażna ta' mill-inqas sebat ijiem fid-dar Din id-data għandha tiġi ffissata hekk illi l-bajd tal-Grad "A" irid iżommu l-karatteristiċi deskritti fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament sat-tmiem ta' dan il-perjodu taż-żmien ta' ħażna meta maħżun kif jixraq L-aħjar data li fiha jista' jintuża tikkorrispondi mat-tmiem ta' dan il-perjodu taż-żmien ta' ħażna.

L-indikazzjoni għandha tinkiteb hekk illi t-tifsira ta' dawn id-dati tkun ċara.

## L-Artikolu 17

1. Meta d-data tal-bidien hija indikata fuq il-bajd u fuq il-pakketti fejn ikunu jinsabu, iċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom iżommu reġistri separati:

— bl-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi li jfornu dan il-bajd, li għandhom jiġu rreġistrati wara spezzjoni mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru,

— fuq it-talba ta' din l-awtorità, bin-numru tat-tiġieġ tal-bajd miżmuma minn kull produttur.

2. Il-produtturi riferiti fil-paragrafu 1 għandhom wara jiġu spezzjonati b'mod regolari. Għandhom iżommu reġistri korrenti:

— tad-data tat-tqegħid, tal-għomor ta' meta tqiegħdu u tan-numru tat-tiġieġ tal-bajd, imqassma waħda waħda skond il-gallinar,

— tal-produzzjoni ta' kuljum tal-bajd f'kull gallinar,

— tan-numru jew il-piż tal-bajd ikkunsinnat u li jkun hemm il-ħsieb li fuqu tiġi indikata d-data tal-bidien tal-bajd, jew li fuqhom tkun diġà ġiet stampata d-data tal-bidien tal-bajd fir-razzett, imqassma waħda waħda skond ix-xerrej, u li jinkludu l-isem u l-indirizz ta' dan ta' l-aħħar, u n-numru taċ-ċentru ta' l-imballaġġ.

3. Il-bajd li jkun maħsub li fuqu tiġi indikata d-data tal-bidien tal-bajd għandu jiġi ikkunsinnat liċ-ċentri ta' l-imballaġġ f'kontenituri ssiġillati. Il-kunsinni ta' dan il-bajd u tal-bajd li fuqu tkun diġà ġiet stampata d-data tal-bidien tal-bajd fir-razzett għandhom jiġu identifikati bi:

— id-data tal-bidien tal-bajd,

— l-isem, l-indirizz u n-numru tal-produttur, flimkien ma' referenza kkodifikata għall-gallinar minn fejn ikun ġie l-bajd,

— id-data tad-dispaċċ,

— in-numru jew il-piż tal-bajd fil-kunsinna.

Dan it-tagħrif għandu jiġi muri fuq il-kontenitur u fuq id-dokumenti li jakkumpanjawh, b'dawn ta' l-aħħar iridu jinżammu fiċ-ċentru ta' l-imballaġġ għall-perjodu taż-żmien ta' mill-inqas 12-il xahar.

4. Il-kontenituri riferiti fil-paragrafu 3 għandhom jinfetħu fiċ-ċentru ta' l-imballaġġ minnufih qabel tibda l-gradazzjoni. Il-bajd kollu minn kontenitur wieħed għandu jiġi ggradat u pakkjat mingħajr interruzzjoni. Id-data tal-bidien tal-bajd għandha tiġi stampata matul jew minnufih wara l-gradazzjoni fuq dak il-bajd maħsub għal dan il-markar. Fil-każ taċ-ċentri ta' l-imballaġġ fornuti mill-unitajiet tagħhom stess tal-produzzjoni li jkunu fuq l-istess sit, il-bajd għandu jiġi stampat, u/jew iggradat u pakkjat fil-jum tal-bidien tal-bajd jew tal-kunsinna liċ-ċentri l-oħra ta' l-imballaġġ.

5. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom iżommu reġistri separati dwar:

— il-kwantitajiet ta' kuljum, skond il-produttur, tal-bajd li jasal fiċ-ċentru u li għalih ikun hemm il-ħsieb li fuqu tiġi indikata

d-data tal-bidien tal-bajd, jew li d-data ta' meta tbiad tkun diġà ġiet stampata fir-razzett inklużi l-isem, l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-produttur,

— in-numru u/jew il-piż tal-bajd mibjugħ, skond il-grad tal-piż u skond ix-xerrej, flimkien ma' l-isem u l-indirizz ta' dan ta' l-aħħar, kif ukoll in-numri tar-referenza tal-pakketti ż-żgħar, u fil-każ ta' bejgħ bil-waħda, tal-pakketti l-kbar, li jkun fihom dan il-bajd. Dawn in-numri ta' referenza għandhom ikunu f'sekwenza numerika axxendenti mhux interrotta.

6. Meta ċ-ċentri ta' l-imballaġġ jiġu fornuti biss mill-unitajiet tal-produzzjoni tagħhom stess ippostjati fuq l-istess sit, għandhom japplikaw l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-paragrafu 2, it-tielet u r-raba' sentenzi biss tal-paragrafu 4, u l-paragrafu 5.

7. L-unitajiet tal-produzzjoni u ċ-ċentri tal-pakkettjar riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas darba kull xahrejn.

## L-Artikolu 18

1. Il-bajd tal-Grad "A" kif ukoll il-pakketti ż-żgħar li jkun fihom dan il-bajd jistgħu jgħorru waħda mill-espressjonijiet li ġejjin, kif approprijat, għalbiex jindikaw it-tip tal-biedja kif riferit fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90:

<i>fuq il-pakketti:</i>	<i>fuq il-bajd:</i>
(a) Huevos de gallinas camperas	Camperas
Æg fra fritgående høns	Fritgående
Eier aus Freilandhaltung	Freiland
Αυγά ελεύθερης βοσκής	Ελεύθερης βοσκής
Free range eggs	Free range
Œufs de poules élevées en libre parcours	Libre parcours
Uova di allevamento all'aperto — sistema estensivo	Aperto estensivo
Eieren van hennen met vrije uitloop — extensief systeem	Vrije uitloop — extensief
Ovos de galina criada ao ar livre	Ar livre;
(b) Huevos de gallinas criadas en parque	Parque
Æg fra fritgående høns — intensivt system	Fritgående — int.
Eier aus intensiver Auslaufhaltung	Auslauf
Αυγά περιορισμένης βοσκής	Περιορισμένης βοσκής
Semi-intensive eggs	Semi-intensive
Œufs de poules élevées en plein air	Plein air
Uova di allevamento all'aperto	Aperto
Eieren van hennen met vrije uitloop	Vrije uitloop
Ovos de galinha criada em parque	Parque;

(c) Huevos de gallinas explotadas en el suelo	Suelo
Skrabeæg	Skrabeæg
Eier aus Bodenhaltung	Bodenhaltung
Αυγά δαπέδου με στρωμνή	Δαπέδου-στρωμνή
Deep litter eggs	Deep litter
Œufs de poules élevés au sol	Poules au sol
Uova di galline allevate a terra	Allevate a terra
Scharreleieren	Scharrelei
Ovos de cama	Cama;
(d) Huevos de gallinas criadas en aseladero	Aseladero
Æg fra volierehønseshold	Voliere
Eier aus Volierenhaltung	Voliere
Αυγά κλιμακωτής σχάρας	Κλιμακωτής σχάρας
Perchery eggs (Barn eggs)	Perchery (Barn)
Œufs de poules élevés sur perchoirs	Perchoirs
Uova di galline allevate in voliera	Voliera
Volière-eieren	Volière
Ovos de capoeira	Capoeira.

L-espressjonijiet mogħtija jistgħu jintużaw biss għall-bajd prodotti fl-intrapriżi tat-tjur li jissodisfaw il-kriterji ddikjarati fl-Anness.

Fil-każ tal-bejgħ bil-waħda, dawn l-indikazzjonijiet skond it-tip tal-biedja jistgħu jintużaw biss jekk il-bajd jiġi mmarkat individwalment bl-espressjoni rispettiva.

2. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ awtorizzati biex jużaw l-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iżommu reġistru separat, skond it-tip tal-biedja:

- bl-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi ta' dan il-bajd, li għandhom jiġu rreġistrati wara spezzjon mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru,
- fuq it-talba ta' din l-awtorità, bin-numru tat-tiġieġ tal-bajd miżmuma minn kull produttur.

Il-produtturi msemmija għandhom jiġu sussegwentement spezzjonati b'mod regolari. Għandhom iżommu reġistri tad-data tat-tqegħid, il-għomor tat-tqegħid, in-numru tat-tiġieġ tal-bajd skond it-tip tas-sistema tat-tjur, u juru wkoll in-numru tal-bajd prodott u kkunsinnat kull jum, bid-data tad-dispaċċ u l-ismijiet tax-xerreja.

3. Skond l-Artikolu 4(4) kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni lista ta' ċentri ta' l-imballaġġ fit-territorju tiegħu hekk irreġistrati, u kull bidla f'din il-lista.

4. Il-bajd riferit fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkunsinnat fiċ-ċentri ta' l-imballaġġ ġewwa kontenituri li jgħorru waħda mill-espressjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 f'wieħed jew iktar mill-ilsna tal-Komunità. Il-kunsinni għandhom jiġu identifikati bl-isem u l-indirizz tal-produttur, bit-tip, in-numru jew il-piż tal-bajd u bid-data ta' dispaċċ u l-kunsinna, u r-reġistri aġġornati tagħhom u tal-ħażniet fuq il-bażi ta' kull ġimgħa għandhom jinżammu fiċ-ċentru ta' l-imballaġġ.

5. Il-bajd riferit fil-paragrafu 1 għandu jiġi ggradati u pakkjati biss fil-jiem indikati mill-inqas jum tax-xogħol bil-quddiem lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. Matul il-ħażna, il-gradazzjoni u l-imballaġġ, dan il-bajd għandu jiġi sseparat b'mod ċar minn kull bajd ieħor.

6. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ riferiti fil-paragrafu 2 għandhom iżommu reġistri separati tal-gradazzjoni ta' kuljum tal-kwalità u l-piż u tal-bejgħ tal-bajd u tal-pakketti ż-żgħar immarkati skond il-paragrafu 1 inklużi l-isem u l-indirizz tax-xerrej, in-numru tal-pakketti, in-numru u/jew il-piż tal-bajd mibjugħ skond il-grad tal-piż u d-data tal-kunsinna, minflok iżommu reġistrazzjonijiet tal-bejgħ, madankollu jistgħu jżommu dokumenti tal-fatturi jew tanoti tal-kunsinna mmarkati kif indikat fil-paragrafu 1.

7. Il-pakketti l-kbar li jkun fihom il-bajd jew il-pakketti ż-żgħar immarkati skond il-paragrafu 1 għandhom iġorru waħda mill-indikazzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1.

8. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 7 għandhom japplikaw bla ħsara għall-miżuri tekniċi nazzjonali li jmorru lil hinn mill-ħtiġiet minimi ddikjarati fl-Anness, li japplikaw biss għall-produtturi ta' l-Istat Membru interessat, sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-liġijiet Komunitarji u jikkonformaw ma' l-istandards komuni tal-marketing tal-bajd.

9. Il-miżuri nazzjonali riferiti fil-paragrafu 8 għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

10. F'kull ħin u fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jistmaw il-kompatibbiltà tal-miżuri riferiti f' dan l-Artikolu mal-liġijiet Komunitarji u l-konformità tagħhom ma' l-istandards komuni tal-marketing tal-bajd.

#### L-Artikolu 19

1. Sabiex jindikaw l-oriġini tal-bajd tal-Grad "A" jew tal-pakketti ż-żgħar li jkun fihom il-bajd skond l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, jistgħu jintużaw l-espressjonijiet u/jew is-simboli li jirreferu għall-Istat Membru u/jew għar-reġjun amministrattiv jew reġjun ieħor, iddefiniti mill-awtorità kompetenti lill-Istat Membru li fih il-bajd ikun ġie prodott. Fil-każ tal-bejgħ tal-bajd bil-waħda dawn l-indikazzjonijiet ta' l-oriġini tal-bajd jistgħu jintużaw biss jekk il-bajd individwali jkun immarkat bl-espressjonijiet u/jew is-simboli rispettivi.



2. Iċ-ċentri ta' l-imballaġ li jagħmlu użu mill-espressjonijiet u/jew is-simboli riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iżommu reġistri ddettaljati tal-kunsinni skond l-oriġini, li juru l-isem u l-indirizz tal-produttur, in-numru jew il-piż tal-bajd u d-data tal-kunsinna. Il-produttur għandu jżomm reġistri korrenti tan-numru u l-għomor tat-tiġieġ tal-bajd, u juru wkoll in-numru tal-bajd prodott u kkunsinnat, id-data tad-dispaċċ, u l-ismijiet tax-xerrej.

3. Iċ-ċentri ta' l-imballaġ riferiti fil-paragrafu 2 għandhom iżommu reġistri separati tal-gradazzjoni ta' kuljum tal-kwalità u tal-piż u l-bejgħ tal-pakketti ż-żgħar u tal-bajd immarkati bl-espressjonijiet u/jew is-simboli riferiti fil-paragrafu 1, inklużi l-isem u l-indirizz tax-xerrej, in-numru tal-pakketti, in-numru jew il-piż tal-bajd mibjugħ u d-data tal-kunsinna, kif ukoll tal-ħażniet fuq il-bażi ta' kull ġimgħa.

Minflok ma jżommu r-reġistri, jistgħu madankollu jżommu d-dokumenti tal-fatturi jew tan-noti tal-kunsinna mmarkati kif indikat fil-paragrafu 1.

4. Il-pakketti l-kbar li kun fihom il-bajd jew il-pakketti ż-żgħar immarkati bl-espressjonijiet u/jew is-simboli riferiti fil-paragrafu 1 għandhom iġorru l-istess espressjonijiet u/jew simboli.

#### L-Artikolu 20

1. Kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni:

- il-metodi tal-monitorjar applikati sabiex jiġu implimentati l-Artikoli 17, 18 u 19,
- ta' kull sena, qabel l-1 ta' April, in-numru medju tat-tiġieġ preżenti li jbidu <sup>(1)</sup>, in-numru jew il-piż tal-bajd ikkunsinnat kif irreġistrat skond l-Artikolu 18(2) u (4) kif ukoll in-numru jew il-piż tal-bajd mibjugħ, kif irreġistrat skond l-Artikolu 18(6), fis-sena kalendarja ta' qabel.

2. Il-kontrolli mwettqa fl-Istat Membru għandhom jiġu diskussi, fuq bażi regolari, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75.

#### L-Artikolu 21

1. L-istrixxi u t-tikketti pprovduti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandhom ikunu bojod u l-indikazzjonijiet għandhom jiġu stampati fl-iswed.

2. Barra mit-tagħrif ipprovdut fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, dawn l-istrixxi u t-tikketti, li jstgħu jiġu nnumerati, għandhom iġorru marka uffiċjali stabbilita mill-awtorità

(<sup>1</sup>) In - numru medju tat - ti ġ ie ġ preżenti li jbidu  

$$= \frac{\text{in - numru tat - ti ġ ie ġ imqiegħda f' } \times \text{ ġ imgħat ta' meta}}{\text{jbidu.}}$$

kompetenti. Kull Stat Membru għandu jipprovdni qabel l-1 ta' Ġunju 1991 kampjun jew iktar ta' l-istrixxa u tat-tikketta lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

#### L-Artikolu 22

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu mqiegħda fis-suq f'pakketti bi strixxa jew tikketta safra li ma tistax terġa tintuża wara li l-pakkett ikun infetħ:

- (a) il-bajd riferit fl-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 u li mhux tal-Grad "A", "B" jew "C";
- (b) il-bajd tal-Grad "A" jew "B" li ma jkollux iktar il-karettistiċi ta' dawn il-grad iżda li ma jkun reġa' ġie ggradat
- (c) il-bajd tal-Grad "C"

2. Il-istrixxi jew it-tikketti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw ma' mudell stabbilit mill-awtorità kompetenti. Kull Stat Membru għandu, qabel l-1 ta' Ġunju 1991, jipprovdni kampjun jew iktar ta' l-istrixxa u tat-tikketta lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Dawn għandhom juru b'tipa sewda li tidher u tinqara b'mod ċar:

- (a) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz ta' l-impriża li tkun iddispaċċjat il-bajd;
- (b) in-numru jew il-piż nett tal-bajd ippakkjat;
- (c) il-marka "BAJD GĦALL-INDUSTRIJA TAL-PRODOTTI TA' L-IKEL" fittri majjuskoli u suwed, ta' 2 ċm għoli, f'islen wieħed jew iktar tal-Komunità.

#### L-Artikolu 23

1. Il-bajd industrijali fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandu jitqiegħed fis-suq f'pakketti bi strixxa jew tikketta ħamra.

2. L-istrixxa u t-tikketta msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw ma' mudell stabbilit mill-awtorità kompetenti. Kull Stat Membru għandu, qabel l-1 ta' Ġunju 1991, jipprovdni kampjun jew iktar ta' l-istrixxa u t-tikketta lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. L-istrixxa u t-tikketta għandhom iġorru:

- (a) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz ta' l-impriża li lilha jkun qiegħed jintbagħat il-bajd;
- (b) l-isem jew isem kummerċjali u l-indirizz ta' l-impriża li tkun iddispaċċjat il-bajd;
- (c) il-marka "bajd industrijali" fittri majjuskoli suwed, ta' 2 ċm għoli, u l-marka "mhux tajba għall-konsum mill-bniedem" fittri suwed ta' mill-inqas 0,8 ċm għoli, f'islen wieħed jew iktar tal-Komunità.

## L-Artikolu 24

1. Il-kartuna jew it-tikketta msemmijin fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandhom jitwawhlu hekk illi l-ebda tagħrif fuq il-pakkett ma jkun moħbi bil-pożizzjoni tal-kartuna jew tat-tikketta.
2. Il-kelma “extra” għandha tiġi stampata fl-abjad f'tipi korsivi ta' 1 ċm għoli, fuq sfond aħmar.
3. Il-pakketti l-kbar li jkun fihom il-pakketti ż-żgħar immarkati “extra” għandhom jiġu mmarkati b'ittri majjuskoli ta' 2 ċm għoli, “PAKKETT LI FIH PAKKETTI ŻĠĦAR EXTRA” f'isjen jew iktar tal-Komunità.

## L-Artikolu 25

1. Il-bajd li jkun ġie ggradat mill-ġdid skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 jista' jitqiegħed fis-suq fil-pakketti li kienu fihom qabel ma reġġu ġew iggradati Jekk jerġġu jiġu ppakkjati, kull pakkett jista' jkun fih biss bajd minn lott wieħed.
2. L-istrixxa jew it-tikketta fuq il-pakketti l-kbar għandhom iġorru f'karattri suwed ċari u li jinqraw sewwa mill-inqas it-tagħrif li ġej:
  - (a) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz ta' l-impriża li tkun iggradat il-bajd mill-ġdid jew għamlet li jerġġu jiġu ggradati;
  - (b) in-numru ta' distinzjoni taċ-ċentru ta' l-imballaġġ li kien l-ewwel li ppakkja l-bajd jew, fil-każ tal-bajd importat, il-pajjiż ta' l-orijini;
  - (c) il-gradazzjoni tal-kwalità u l-piż;
  - (d) in-numru tal-bajd ipakkjat;
  - (e) il-kliem “data ta' l-imballaġġ”, segwita mid-data ta' l-ewwel imballaġġ;

u, taħt dawn, il-kliem “iggradati mill-ġdid”: segwit mid-data tal-gradazzjoni mill-ġdid bl-istess mod kif ipprovdut fl-Artikolu 14;

- (f) il-partikolaritajiet dwar ir-refriġerazzjoni jew il-metodu tal-priservazzjoni, mhux ikkodifikati u f'tipa Rumana, għall-bajd irrefriġerat jew ippriservat.
3. Il-pakketti ż-żgħar li jkun fihom il-bajd iggradat mill-ġdid għandu jgħorru biss id-dettalji pprovduti fil-paragrafu 2, f'karattri li jidhru u jinqraw b'mod ċar; fil-każijiet meta l-pakketti oriġinali jkun qegħdin jerġġu jintużaw, il-partikolaritajiet li ma jbqgħux japplikaw iktar għandhom jiġu mgħottija. B'żieda ma' dan, il-pakketti ż-żgħar jistgħu jgħorru l-marka tal-fabbrika ta' l-impriża li tkun iggradat mill-ġdid il-bajd jew għamlet li jerġġu jiġu ggradati.

## L-Artikolu 26

1. Għajr fil-każ ipprovdut fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 il-bajd ipakkjat jista' jiġi ppakkjat mill-ġdid f'pakketti oħra kbar jew żgħar miċ-ċentri ta' l-imballaġġ biss. Kull pakkett għandu jkun fih biss il-bajd ta' lott wieħed.
2. L-istrixxa jew it-tikketta fuq il-pakketti l-kbar għandhom iġorru f'karattri suwed li jidhru u jinqraw b'mod ċar mill-inqas it-tagħrif li ġej:
  - (a) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz ta' l-impriża li tkun ipakkjat il-bajd mill-ġdid jew għamlet li jerġġu jiġi ppakkjat;
  - (b) in-numru ta' distinzjoni taċ-ċentru ta' l-imballaġġ li jkun ipakkja l-bajd mill-ġdid;
  - (c) il-gradazzjoni tal-kwalità u l-piż;
  - (d) in-numru tal-bajd ipakkjat;
  - (e) il-kliem “data ta' l-imballaġġ”, segwit bid-data ta' l-ewwel imballaġġ; u, taħt dan, il-kliem “ippakkjat mill-ġdid”, segwit bid-data ta' l-imballaġġ mill-ġdid, bl-istess mod kif ipprovdut fl-Artikolu 14;
  - (f) il-partikolaritajiet dwar ir-refriġerazzjoni jew il-metodu tal-priservazzjoni, mhux ikkodifikati u f'tipa Rumana, għall-bajd irrefriġerat jew ippriservat;
  - (g) in-numru ta' distinzjoni taċ-ċentru ta' l-imballaġġ li jkun ipakkja l-bajd l-ewwel jew, fil-każ tal-bajd importat, il-pajjiż ta' l-orijini;
3. Il-pakketti ż-żgħar li jkun fihom il-bajd li jkun ġie ppakkjat mill-ġdid għandhom iġorru, f'karattri li jidhru u jinqraw b'mod ċar, il-partikolaritajiet ipprovduti fil-paragrafu 2 biss. B'żieda ma' dan, il-pakketti ż-żgħar jistgħu jgħorru l-marka tal-fabbrika ta' l-impriża li tkun ipakkjat il-bajd mill-ġdid jew għamlet li jerġġu jiġi ppakkjat. Il-kelma “extra” ma tistax tintuża.
4. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(6) u (7).

## L-Artikolu 27

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 għandhom japplikaw għall-istrixxi u t-tikketti msemmija fl-Artikoli 25 u 26. Il-kampjuni għandhom jiġu forniti qabel l-1 ta' Ġunju 1991.
2. Jekk il-pakketti oriġinali jiġu użati sabiex jiggradaw mill-ġdid u jippakkjaw mill-ġdid, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala li reġġu ġew użati fit-tifsira ta' l-Artikolu 12(2).
3. Il-partikolaritajiet dwar l-istrixxi jew it-tikketti tal-pakketti l-kbar li jkun qegħdin jintużaw mill-ġdid skond l-Artikolu 12(2) għandhom jkun mgħottija għal kollox bi strixxi jew tikketti ġodda jew magħmula li ma jstgħux jinqraw b'mod ieħor.

4. Il-pakketti l-kbar jistgħu jgħorru partikolarità jew iktar li jidhru fuq l-istrixxi u tikketti li jkunu mwaħħlin magħhom. B'żieda ma' dan, il-pakketti l-kbar jistgħu jgħorru l-marka tal-fabbrika ta' l-impriża li tkun ippakkjat il-bajd mill-ġdid jew għamlet li jerġa' jiġi ppakkjat.

#### L-Artikolu 28

Il-għamlet tal-kliem iddefinit f'dan ir-Regolament sabiex jintuża fuq il-bajd u fuq il-pakketti għandhom jiġu espressi f'mill-inqas l-ilsien jew l-ilsna ta' l-Istat Membru li fih isir il-bejgħ bl-innut jew fejn isir kull użu ieħor tiegħu.

#### L-Artikolu 29

1. Id-deċiżjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 m'għandhomx jittieħdu għajr jekk ikun twet-taq il-kontroll skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 5.

2. Meta l-bajd ikun f'pakketti kbar li ma jkunx fihom pakketti żgħar, għall-inqas in-numri li ġejjin tal-bajd għandhom jiġu ċċekk-jati bħala kampjuni.

In-Numru tal-bajd fil-lott	In-Numru tal-bajd li jrid jiġi ċċekkjat	
	% l-lott	In-Numru minimu tal-bajd
sa 180	100	—
181–1 800	15	180
1 801–3 600	10	270
3 601–10 800	5	360
10 801–18 000	4	540
18 001–36 000	3	720
36 001–360 000	1,5	1 080
l fuq minn 360 000	0,5	5 400

3. Meta l-bajd ikun f'pakketti żgħar, sewwa jekk dawn ikunu ġewwa pakketti kbar u sewwa jekk le, għall-inqas in-numri li ġej-jin tal-pakketti ż-żgħar u tal-bajd għandhom jiġu ċċekk-jati bħala kampjuni.

In-Numru tal-bajd fil-lott	Il-Perċentwal tal-pakketti ż-żgħar iċċekk-jati	In-Numru tal-bajd li jrid jiġi ċċekk-jat għal kull pakkett iċċekk-jat (%)
sa 180	100	100
181–1 800	15	100
1 801–3 600	10	100
3 601–10 800	5	100
10 801–18 000	4	100
18 001–36 000	3	100
36 001–360 000	1,5	100
l fuq minn 360 000	0,5	100

4. Għal-lottijiet ta' mhux iżjed minn 18,000 bajda, il-bajd li jrid jiġi ċċekk-jat għandu jintgħażel minn mill-inqas 20 % tal-pakketti l-kbar.

Għal-lottijiet ta' iktar minn 18,000 bajda, il-bajd li jrid jiġi ċċekk-jat għandu jintgħażel minn mill-inqas 10 % tal-pakketti l-kbar u minn mill-inqas għaxar pakketti kbar.

5. Fil-każ tal-bajd mhux ippakkjat li jiġi esibit jew imqiegħed għall-bejgħ fil-kummerċ bl-innut, 100 % tal-bajd sa 180 bajda u għal kwantitajiet ikbar 15 % tal-bajd b'minimu ta' 180 bajda għandhom jiġu ċċekk-jati bħala kampjuni.

#### L-Artikolu 30

1. Wara l-kontroll u wara kull korrezzjoni meħtieġa tal-lott sabiex jikkonformaw mar-Regolament (KEE) Nru 1907/90, min jiċċekkja għandu jwajhal mal-pakkett strixxa li ġġorr bolla uffic-jali u l-partikolaritajiet li ġejjin:

(a) "Iċċekk-jati fi (id-data)...., fi (il-post)...";

(b) in-numru mogħti lil min jiċċekkja mill-aġenzija li tiċċekkja.

2. L-istrixxa taċ-ċekk-jar għandha tkun tal-marka bajda u ħamra. Jekk il-pakkett ikun ġie magħluq qabel il-kontroll, għandu jerġa' jiġi magħluq permezz ta' strixxa tal-kontroll, li tista', jekk appropr-jat, tiġi mwaħħla fuq l-istrixxa jew it-tikketta oriġinali.

3. Wara li jiġu ċċekk-jati l-pakketti ż-żgħar immarkati "extra", l-istrixxa tal-kontroll għandha tinkludi l-partikolaritajiet riferiti fil-paragrafu 1 u l-kelma "extra" b'tipi korsivi ta' 1 ċm għoli.

#### L-Artikolu 31

1. Fil-kontroll ta' lott ta' bajd tal-Grad "A", għandhom jitħallew it-tolleranzi li ġejjin:

(a) mad-dispaċċ miċ-ċentru ta' l-imballaġġ:

— 5 % tal-bajd b'difetti fil-kwalità, li minnhom mhux iżjed minn:

— 2 % tal-bajd ikun miksur jew b'qoxra mkissra jew imxaqqa, li tidher bil-għajn,

— 1 % tal-bajd ikun bit-tbajja tal-laħam jew tad-demmm.

Madankollu, fil-kontroll tal-bajd imqiegħed fis-suq bħala "extra" ma għandha titħalla l-ebda tolleranza għall-għoli ta' l-ispazju ta' l-arja fiż-żmien ta' l-imballaġġ jew meta jgħaddu mid-dwana.

(b) fl-istadji l-oħra tal-marketing:

— 7 % tal-bajd b'difetti fil-kwalità, li minnhom mhux iżjed minn:

— 4 % tal-bajd ikun miksur jew b'qoxra mkissra jew imxaqqa, li tidher bil-għajn,

— 1 % tal-bajd ikun bit-tbajja tal-laħam jew tad-demmm.

2. Fil-kontroll ta' lott tal-bajd tal-Grad "B", għandha titħalla t-tolleranza ta' 7 % ta' bajd b'difetti fil-kwalità.

3. Meta l-lott ikkontrollat ikun inqas minn 180 bajda, il-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jirdupjaw.

*L-Artikolu 32*

Fil-kontroll ta' lott tal-bajd tal-Grad "A", għandha titħalla tolleranza rigward il-piż għal kull bajda. Lott bħal dan jista' jkun fih mhux iżjed minn 6 % tal-bajd tal-grad tal-piż iktar baxx li jkun imiss.

Meta l-lott iċċekkjat ikun inqas minn 180 bajda, il-perċentwali msemmija hawn fuq għandhom jirdupjaw.

*L-Artikolu 33*

Il-pakketti l-kbar tal-bajd tal-Grad "A", iggradat skond il-grad tal-piż, għandu jkollhom il-piżijiet minimi netti li ġejjin:

il-Grad 0: 7,5 kg/100 bajda

il-Grad 1: 7,1 kg/100 bajda

il-Grad 2: 6,6 kg/100 bajda

il-Grad 3: 6,1 kg/100 bajda

il-Grad 4: 5,6 kg/100 bajda

il-Grad 5: 5,1 kg/100 bajda

il-Grad 6: 4,6 kg/100 bajda

il-Grad 7: il-piż minimu mhux stabbilit.

*L-Artikolu 34*

Kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi ggradat mill-ġdid lott ta' bajd minn Stat Membru ieħor għandu jiżgura illi d-deċiżjoni biex jerġa' jiġi ggradat tiġi kkomunikata minnufih lil dan l-Istat Membru u, fuq it-talba ta' dan l-Istat Membru, lill-awtorità kompetenti li jinnomina.

*L-Artikolu 35*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 1992 il-miżuri meħuda sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 36*

Ir-Regolament (KEE) Nru 95/69 u 1295/70 huwa hawnhekk imħassar.

*L-Artikolu 37*

Dan ir-Regolament għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1991. Madankollu, l-Artikoli 4(4), 21(2), 22(2), 23(2) u 27(1) għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Ġunju 1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Mejju 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

## L-ANNEX I

**1. Id-data ta' l-imballaġġ:**

emb.  
pakket  
verp.  
συσκ.  
packed  
emb. le  
imb.  
verp.  
emb.

**2. Id-data sa meta jridu jinbigħu:**

vender antes  
Sælges til  
Verkauf bis  
Πώληση  
Sell by  
à vend. de préf. av.  
da vendersi  
uit. verk. dat.  
Lim. de venda

**3. Id-data ta' sakemm jibqa' tajjeb:**

cons. preferente  
Mindst holdbar til  
Mind.-haltbar  
Λήξη  
Best before  
à cons. de préf. av.  
da consumarsi  
tenm. houdb. tot  
Lim. de consumo

**4. Id-data ta' meta jitbied:**

puesta  
lagt  
gelegt  
ωροτοκία  
laid  
pondu le  
deposizione  
gelegd  
post

---

## L-ANNEX II

**Il-kriterji minimi li jridu jiġu sodisfatti mill-intrapriżi tat-tjur li jipproduċu l-bajd kif riferit fl-Artikolu 18(1)(a), (b), (ċ) u (d)**

- (a) Il-bajd fil-pakketti ż-żgħar li jgħorru l-kliem "Bajd tat-tiġieġ imrobbi fil-beraħ — tas-sistema intensiva" għandu jiġu prodott fl-intrapriżi tat-tjur li ġo fihom:
- it-tiġieġ għandhom aċċess bla waqfien bin-nhar għall-gallinari fl-apert,
  - l-art li għaliha t-tiġieġ għandhom aċċess hija prinċipalment miksija bil-ħaxix,
  - id-densità massima tal-ħażna ma tkunx ikbar minn 1 000 tiġieġa għal kull ettaru ta' l-art disponibbli għat-tiġieġ jew tiġieġa għal kull 10 m<sup>2</sup>
  - il-bini minn ġewwa jrid jissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fiċ-(ċ) jew id-(d).
- (b) Il-bajd fil-pakketti ż-żgħar li jgħorru l-kliem "Bajd tat-tiġieġ imrobbi fil-beraħ (semi-intensiv)" irid jiġi prodott fl-intrapriżi tat-tjur li ġo fihom:
- it-tiġieġ għandhom aċċess bla waqfien bin-nhar għall-gallinari fl-apert,
  - l-art li għaliha t-tiġieġ għandhom aċċess hija fil-biċċa l-kbira miksija bil-ħaxix,
  - id-densità massima tal-ħażna mhix ikbar minn 4 000 tiġieġa għal kull ettaru ta' l-art disponibbli għat-tiġieġ jew tiġieġa għal kull 2,5 m<sup>2</sup>
  - il-bini minn ġewwa jrid jissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fiċ-(ċ) jew id-(d).
- (ċ) Il-bajd fil-pakketti ż-żgħar li jgħorru l-kliem "Bajd tat-tiġieġ imrobbi fuq l-art" għandhom jiġu prodotti fl-intrapriżi tat-tjur li ġo fihom:
- id-densità massima tal-ħażna mhix ikbar minn seba' tiġieġet għal kull metru kwadru ta' l-ispazju ta' l-art disponibbli għat-tiġieġ,
  - mill-inqas terz ta' din il-firxa ta' art hija miksija bil-materjal ta' l-iskart bħat-tiben, iċ-ċana ta' l-injam, ir-ramel jew bil-ħaxix,
  - parti kbira biżżejjed tal-firxa ta' l-art disponibbli għat-tiġieġ hija użata għall-ġbir tal-ħmieġ ta' l-għasafar.
- (d) Il-bajd fil-pakketti ż-żgħar li jgħorru l-kliem "Bajd tal-gallinar" għandu jiġi prodotti fl-intrapriżi tat-tjur li ġo fihom:
- id-densità massima tal-ħażna mhix ikbar minn 25 tiġieġa għal kull metru kwadru ta' l-ispazju ta' l-art disponibbli għat-tiġieġ,
  - il-bini minn ġewwa għandu jiġi mġhammar b'passiġġieri ta' tul biżżejjed li jiżgura mill-inqas 15 ċm ta' spazju tal-passiġġiera għal kull tiġieġa.